



L-Avukat Ġenerali Sharpston tqis li l-Ftehim ta' Kummerċ Fieles ma' Singapore jista' jiġi konkluż biss mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri b'azzjoni konġunta

Mhux il-partijiet kollha tal-ftehim jaqgħu fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u għalhekk il-ftehim ma jistax jiġi konkluż mingħajr il-parteeċipazzjoni tal-Istati Membri kollha

Il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali huma finali iżda jistgħu jkunu s-suġġett ta' reviżjoni editorjali meta jkunu disponibbli l-verżjonijiet lingwistiċi kollha.

Fl-20 ta' Settembru 2013, l-Unjoni Ewropea u Singapore approvaw it-test ta' Ftehim ta' Kummerċ Fieles (iktar 'il quddiem il-“Ftehim KHUES”). Il-Ftehim KHUES jipprevedi li għandu jiġi konkluż bħala ftehim bejn l-Unjoni u r-Repubblika ta' Singapore, mingħajr il-parteeċipazzjoni tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni qiegħda titlob l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja taħt l-Artikolu 218(11) TFUE dwar it-tqassim ta' kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri fir-rigward tal-Ftehim KHUES. Din il-proċedura tippermetti lil Stat Membru, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill jew lill-Kummissjoni jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti l-opinjoni tagħha dwar jekk ftehim bejn l-Unjoni u pajjiż terz huwiex kompatibbli mat-Trattati. Fil-każ ta' opinjoni negattiva, il-ftehim ikollu jiġi emendat (jew it-Trattati rreveduti) qabel ikun jista' jidħol fis-seħħ.

Il-Kummissjoni targumenta li l-Unjoni għandha kompetenza esklużiva sabiex tikkonkludi l-ftehim. Il-Parlament Ewropew, b'mod ġenerali, jaqbel mal-Kummissjoni. Il-Kunsill u l-Gvernijiet tal-Istati Membri li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub¹ isostnu li l-Unjoni ma tistax tikkonkludi l-ftehim waħedha peress li ċerti partijiet tal-Ftehim KHUES jaqgħu taħt il-kompetenza kondiviża tal-Unjoni u tal-Istati Membri, u saħansitra taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri.

Fil-konklużjonijiet li ppreżentat illum², **l-Avukat Ġenerali Eleanor Sharpston tqis li l-Ftehim KHUES jista' jiġi konkluż biss mill-Unjoni u mill-Istati Membri b'azzjoni konġunta.**

L-Avukat Ġenerali tibda billi tispjega l-prinċipji stabbiliti fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u parzjalment ikkodikati permezz tat-Trattat ta' Lisbona dwar il-kompetenzi esklużivi tal-Unjoni u dwar il-kompetenzi kondiviżi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, kemm internament, fi ftehim ta' territorju tal-Unjoni, u kemm esternament, fir-relazzjonijiet tagħha ma' Stati terzi. Hija mbagħad tapplika dawn il-prinċipji filwaqt li tanalizza l-Ftehim KHUES, kapitolu b'kapitolu.

Hija tikkonkludi li **l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva** fir-rigward tal-partijiet tal-Ftehim KHUES li jkopru s-suġġetti segwenti:

- għanijiet u definizzjonijiet ġenerali;

¹ L-Istati Membri kollha, bl-eċċezzjoni tal-Belġju, tal-Kroazja, tal-Estonja u tal-Isvezja, ippreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Madankollu, il-Belġju pparteċipa fis-seduta u għamel sottomissjonijiet orali.

² Skont il-proċedura normali f'kawżi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali jiġu ppreżentati l-ewwel. Id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, li fi proċedura skont l-Artikolu 218(11) TFUE tissejjaħ “opinjoni”, ser tingħata fl-2017.

- kummerċ ta' merkanzija;
- kummerċ u investimenti f'ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli;
- kummerċ ta' servizzi u ta' kuntratti pubbliċi, bl-esklużjoni tal-partijiet tal-Ftehim KHUES li japplikaw għas-servizzi ta' trasport u għas-servizzi intrinsikament marbuta mas-servizzi ta' trasport;
- investiment barrani dirett;
- l-aspetti kummerċjali ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali;
- kompetizzjoni u suġġetti relatati;
- kummerċ u żvilupp sostenibbli sa fejn id-dispożizzjonijiet inkwistjoni jikkonċernaw primarjament strumenti ta' politika kummerċjali;
- il-konservazzjoni ta' riżorsi marini u bijoloġiċi;
- kummerċ ta' servizzi marbuta mat-trasport bil-ferrovija u bit-triq; u
- mekkaniżmi għal riżoluzzjoni ta' tilwim, għal medjazzjoni u għal trasparenza, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw (u għalhekk huma anċillari) għall-partijiet tal-ftehim li fir-rigward tagħhom l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva.

Hija tikkonkludi li **I-kompetenza esterna tal-Unjoni hija kondiviża mal-Istati Membri** fir-rigward tas-suġġetti segwenti:

- dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ ta' servizzi ta' trasport tal-ajru, ta' servizzi ta' trasport marittimu u ta' trasport permezz tal-passaġġi tal-ilma interni, inklużi servizzi intrinsikament marbuta ma' dawn is-servizzi ta' trasport;
- tipi ta' investiment oħra għajr investiment dirett barrani;
- dispożizzjonijiet dwar kuntratti pubbliċi sa fejn japplikaw għal servizzi ta' trasport u għal servizzi intrinsikament marbuta ma' servizzi ta' trasport;
- dispożizzjonijiet dwar l-aspetti mhux kummerċjali ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali;
- dispożizzjonijiet li jistabbilixxu standards fundamentali fil-qasam soċjali u fil-qasam ambjentali u li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-politika soċjali jew tal-politika ambjentali; u
- mekkaniżmi għal riżoluzzjoni ta' tilwim, għal medjazzjoni u għal trasparenza, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet japplikaw (u għalhekk huma anċillari) għall-partijiet tal-ftehim li fir-rigward tagħhom l-Unjoni għandha kompetenza esterna kondiviża.

L-Avukat Ġenerali tosserva li, fil-fehma tagħha, **I-Unjoni ma għandhiex kompetenza esterna sabiex tiftiehem li tkun marbuta bil-parti tal-Ftehim KHUES li tittermina ftehimiet bilaterali** konklużi bejn ċerti Stati Membri u Singapore. Fil-fehma tagħha, **din il-kompetenza tappartjeni esklużivament lill-Istati Membri** kkonċernati.

Filwaqt li l-Avukat Ġenerali tinnota li proċess ta' ratifikazzjoni li jinvolvi l-Istati Membri kollha flimkien mal-Unjoni jista' jagħti lok għal numru ta' diffikultajiet, hija tqis li dan ma jista' jkollu l-ebda impatt fuq il-kwistjoni ta' min għandu kompetenza sabiex jikkonkludi l-ftehim.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawżi li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeċidew fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☐ ☎ (+32) 2 2964106